# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' Nhar il-Hamis 6 t'Ottubru 2016

**Kawza Numru : 19**

**Rikors Numru : 588/2007/JPG**

**Laferla Insurance Agency Limited (C14529)**

**VS**

**Citadel Insurance plc (C21550)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tas-socjeta Laferla Insurance Agency Limited: tal-25 ta'Mejju 2007 (a fol. 1 et seq) li jaqra hekk:

1) *"Illi is-socjeta' konvenuta hija socjeta' assikuratrici licenzjata sabiex topera bhala tali a tenur tad-dispozizzjonijet tal-kapitolu 403 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi s-socjeta' konvenuta hija licenzjata topera agent ta' assikurazzjoni ukoll a tenur tal-istess Kapitolu 403;*

2) *Illi fil-perjodu bejn Jannar 2000 u Gunju 2003, is-socjeta' attrici kienet topera bhala agent tas-socjeta' konvneuta, versu l-hlas lilha tal-commission ossija kummissjoni stabilit skond kif miftiehem mill-kontendenti u kif ukoll versu il-hlas lis-socjeta' attrici ta' profit commission;*

3) *Illi ghalkemm originarjament il-metodu ta' kif kellu jigu mahdum ossija komputat il-profit commission ma kienx gie specifikament stabilit mill-kontendenti, il-kontendenti kienu sussegwentament qablu dwar metodu, konformi mal-prattika u l-uzanzi tan-negozju tal-assikurazzjoni, illi bih kellu jigi mahdum u likwidat tali kummissjoni u dan fit-8 t'Ottubru 2001 wara serje ta' laqghat illi saru appozitament;*

4) *Illi bl-applikazzjoni tal-metodu hekk miftiehem bejn il-kontendenti, s-somma ta' tnax-il elf mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm 12,120.00) hija pagabbli mis-socjeta' konvenuta lil dik attrici bhala kummissjoni fuq il-qliegh ossija profit commission ghall-perijodu bejn l-ewwel (1) ta'Jannar elfejn u wiehed (2001) u l-wiehed u tletin (31) ta'Dicembru elfejn u tnejn (2002);*

5) *Illi ghalkemm kif inghid, is-somma ta' Lm 12,120 kienet pagabbli lis-socjeta' attrici, bhala kummissjoni, is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsetx is-somma hekk pagabbli prezumibbilment ghaliex propju f'Dicembru tas-sena 2002, , is-socjeta' attrici kienet tat avviz lis-socjeta' konvenuta tat-terminazzjoni tal-agenzija;*

6) *Billi t-tentattivi tas-socjeta' attrici sabiex din il-materja tigi rizolta amikevolment gew frustrati mill-intrasigenza tas-socjeta' konvenuta;*

7) *Ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha ghar-ragunijiet premessi;*

   i) *Tikundanna lill-imsemmija socjeta' konvenuta sabiex thallas is-socjeta' attrici is-somma ta tnax –il elf mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm 12120.00) rapprezentanti kummissjoni fuq il-qliegh ossija profit commission ghall-perijodu bejn l-ewwel (1) ta'Jannar elfejn u wiehed (2001) u l-wiehed u tletin (31) ta'Dicembru elfejn u tnejn (2002) pagabbli lis-socjeta' mittenti in konnessjoni ma' l-operazzjoni tas-socjeta' attrici bhala agaent tal-istess socjeta konvenuta kif kkalkolat*

*fuq l-attivita tas-socjeta' mittenti matul dan il-perjodu skond il-metodi u l-kriterji mifthema bejn il-konvtendenti.*

*Bl-imghax mill-1 ta'Jannar 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja tat-18 t'April 2007, ittra numru 1378/07 kontra s-socjeta' konvenuta illi hija fil-persuna tad-dirigenti taghha minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.*

*B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attrici."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi:

Rat ir-risposta ta' Citadel Insurance plc (C21550) tas-17 t'Awwissu 2007 (a fol. 69 et seq) li taqra hekk:

*"Dwar il-fatti*

1. *Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu attrici ma humiex kontestati;*

2. *Illi l-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kkontestati biss fil-parti li tirreferi ghall-profit commission u dan ghal dawk ir-ragunijiet li ser jigu dettaljatament spjegati tul il-kors tal-kawza. Ghandu jinghad f' dan l-istadju li qatt ma kien hemm bejn il-partijiet il-ftehim li jaghmel riferenza ghalih ir-rikorrent u li skond l-istess rikorrent kien gie maqbul fit-8 ta' Ottubru 2001.*

3. *Illi l-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kkontestati peress li l-partijiet qatt ma kienu ftehmu dwar metodu ghall-komputazzjoni tal-profit commission.*

4. *Illi il-fatti kif dikjarati fir-raba paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma wkoll kontestati billi ma jirrizultawx. Fi kwalsiasi kaz, u kompletament bla pregudizzju l-esponenti qatt ma qabblet mas-sistemi suggeriti mir-rikorrenti.*

5. *Illi l-fatti dikjarati fil-hames paragrafu attrici huma wkoll kontestati ghar-ragunijiet premessi brevement f' din in-nota u dawk li ser jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza.*

6. *Illi l-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kollha kontestati*

*Dwar it-talbiet, l-eccipjent jecepixxi:*

*7.1. Ir-res judicata billi fil-kawza citazloni numru 90712004CFS [ara kopja annessa Dokument A] fl-ismijiet inversi din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta kienet iddecidiet li l-ftehim premess mir-rikorrenti f' dan ir-rikors qatt ma gie fis-sehh u li ghalhekk is-somma mitluba f' din ic-citazzjoni ma hijiex likwida u dovuta. F'dik il-kawza (907/04) r-rikorrent odjern kien laqa' ic-citazzjoni li dak iz-zmien kienet pprezentat l-esponenti billi eccepixxa "Illi s-somma ta' Lm12128.30, reklamata mis- socjeta' attrici f'din il-kawza kienet giet pacuta u kompensata in kwantu ghas-somma ta' Lm12120 ma' somma ekwivalenti dovuta u pagabbli mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta bhala profit commission miftiehem bejn il-kontendenti u likwidat b'mod konformi mal-prattika u l-uzanzi tan-negozju tal-assikurazzjoni kif konfermat u miftiehem bejn il-kontendenti u in kwantu ghall-bilanc ta' Lm8.30 kien kompensat ma' credit note f'dan l-ammont mahrug lis-socjeta' konvenuta minn dik attrici." Din l-eccezzjoni kienet giet michuda mill-Prim' Awla tqal-Qorti Civili f' sentenza li llum ghaddiet in gudikat billi ddecidiet li ma kien hemm ebda qbil dwar profit commission li seta kien dovut u li jekk kien hemm dovut profit commission dan kien ghadu mhux likwidat.*

*7.2. Bla pregudizju ghas-suespost lli s-somma ta' LM12.120.00 reklamata mir-rikorrenti ma hijiex dovuta mill-eccipjenti billi l-eccipjenti qatt ma kienet qabblet jew intrabtet li thallas profit commission lir-rikorrenti bbazata jew mahduma skond il-metodu ssuggerit mir-rikorrenti ;*

*7.3.Illi t-talba ghall-imghaxijiet hija fi kwalsiasi kaz kontestata billi "in likwidantis non fit mora."*

*7.4. llli minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*7.5. Salv eccezjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.”*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tat-18 ta’Mejju 2011 fejn il-Qorti kif diversament preseduta innominat lil Perit Legali Dr. Anna Mallia;

Rat in-nota ta’sottomissjonijiet tas-socjeta’ attrici tal-25 ta’Mejju 2015 (a fol. 323 et seq.);

Rat in-nota ta’sottomissjonijiet ta’Citadel Insurance plc tas-7 t’Ottubru 2015 (a fol. 332 et seq.);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr.Anna Mallia prezentat fis-19 t’Ottubru 2015, u mahluf fit-2 ta’Dicembru 2015 (a fol. 344 et seq);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

A fol 29 et fl-affidavit tieghu **Mark Laferla,** Managing Director tas-socjeta attrici, xehed li okkupa il-kariga ta’ Managing Director tas-socjeta attrici mindu twaqfet fis-sena 1984. Illi wara diversi laqghat ma’ Joseph Tabone, Chairman tas-socjeta intimata, li kienu bdew f’Novembru tas-sena 2000 flimkien ma Paul Mercieca li kien l-awditur taz-zewg socjetajiet imsemmija cioe Laferla u Citadel , huwa iltaqa ma’

Joseph Tabone ghand Paul Mercieca u fil-prezenza tieghu fl-1 ta' Dicembru 2000. Matul din il-laqgha Joseph Tabone ghal Citadel Insurance wera interess li jakkwista l-kumpanija Laferla. Huwa kien accetta li l-kumpanija attrici ssir agent tas-Citadel sakemm jigi finalizzat l-bejgh tal-kumpanija tieghu lil Citadel.

Fost il-kondizzjonijiet ohra li gew maqbula bejnu u Joseph Tabone quddiem Paul Mercieca, kien gie miftiehem li jkun hemm Profit Commission pagabbli lil Laferla minn Citadel.

Fl-Agency Agreement li Citadelipprezentat lil Laferla, kien innotat li Citadel taghti Profit commission lil Laferla kif kien gie miftiehem u kif wara kollox hija prattika fis-suq bejn Principal u Agent tal-assigurazzjoni. Izda minkejja li kien miktub l-metodu ta' kif din l-profit commission kellha tinhadem dan ma giex mehmuz mal-Agency Agrement. Xehed li gibed l-attenzjoni ta' Joseph Tabone fuq din l-kwistjoni u hu qallu li dan l-metodu kellu jigi maqbul bejniethom. Dawn l-kliem intqal b'ton konciljatorju bhala rassikurazzjoni li ma kienx anticipat li insibu xi diffikolta f'dan ir-rigward. Laferla accetta din ir-rassikurazzjoni billi l-principji tal-metodu kif l-profit commission kellu jigi komputat, kienu risputi universalment fis-suq tal-assikurazzjoni. Huwa pprezenta kopja tal-ftehm tal-15 ta' Dicembru 2000 bhala Dok. K. (fol 33 et) .

Wara xi laqghat ta' diskussjoni bejn iz-zewg socjetajiet li fihom kienu involuti Robert Baldacchino ghal Laferla u Lino Ciantar ghas-Citadel fit-8 ta' Ottubru 2001 gie miftiehem l-metodu ta' komputazzjoni tal-Profit Commission liema metodu kien nieqes mill-Agency Agreement originali minkejja li kien hemm titolu specifiku ghalih fl-Appendix tieghu.

Laferla kompla jixhed li **Joseph Tabone Chairman** tas-socjeta konvenuta **kkonferma l-ftehim tieghu fuq dan l-metodu ta' komputazzjoni** ta' profit Commission fit-**12 ta' Ottubru 2001 (Dok A – fol 5) f'ittra indirizzata lil Dr Stephen Thake** segretarju tal-kumpanija Laferla liema ittra kienet ikkupjata lix-xhud ukoll. Ghas-socjeta attrici ghalhekk, l-kwistjoni tal-metodu ta' komputazzjoni tal-profit commission kienet maghluqa bi qbil li kien gie finalizzat u konfermat.

Xehed li kontemporanjament mad-diskussjonijiet li semma, kienu qed isiru diskussjonijiet ohra dwar pendenzi ohra bejn l-kumpanniji Laferla u Citadel. Kien hemm xi issues li dwarhom ma kienx hemm ftehim. Xehed li irceva ittra minn Joseph Tabone datata 30 ta' Novembru 2001 li fiha rrefera ghal diskussjonijiet l-ohra li kienu qed isiru bejn Citadel u Laferla. Fl-ittra Tabone qal li fl-assenza ta' qbil fuq l-punti kollha li kienu qed jigu diskussi, s-Citadel kienet ser tqis l-Agreement originali bhala dak li jorbot iz-zewg partijiet. Joseph Tabone f'dok N (fol 56) kien kiteb *"Citadel can only be guided by the unchanged terms of the said agreement"*.

F'Dicembru 2002 Laferla Insurance avzat lil Citadel Insurance li kienet qed tittermina l-agenzija taghha.

Gara li fis-27 ta' Jannar 2003 (dok C fol 8) Joseph Tabone iccita din l-frazi cioe *"Citadel can only be guided by the unchanged terms of the said agreement"* biex jghid li l-ftehim li kien sar fuq l-komputazzjoni tal-Profit Commission ma kienx jghodd ghaliex ma kienx hemm qbil fuq l-punti kollha li kienu qed jigu diskussi u li permezz taghhom kellu jigi emendat l-Agency Agreement. Laferla jghid kategorikament li din l-kondizzjoni ta' 'qbil fuq kollox jew xejn' qatt ma kienet miftehema bejn iz-zewg partijiet minn qabel ma bdew id-diskussjonijiet biex jigi emendat l-Agency agreement izda din l-kondizzjoniipprova idahhalha Joseph Tabone 'a posteriori' u zgur wara li kien diga sari l-ftehim bejn iz-zewg partijiet fuq l-metodu li kellu jintuza biex jigi mahdum l-Profit commission. Laferla xehed li ma jqisx li dak miftiehem seta jigi revokat unilateralment.

Laferla xehed li l-Agency Ageement dejjem stipula li Profit Commission kellu jkun pagabbli lil Laferla skond kriterji li kellhom jigu maqbula bejn iz-zewg partijiet. Il-kwistjoni jekk kienetx pagabbli profit commission qatt ma qamet.

Laferla kkonferma wkoll li qabel ma bdew id-diskussjonijiet fuq l-metodu ta' komputazzjoni tal-Profit Commission jew matulhom , la Joseph Tabone u lanqas ebda rapprezentant tas-Citadel ma kienu infurmawh li qbil fuq l-metodu ta' komputazzjoni

tal-profit commission kien b'xi mod marbut ma' qbil fuq emendi li kienu qed jigu diskussi fuq l-Agency Agreement.

Fl-10 ta' Jannar 2003 Dok B fol 7 is-socjeta attrici kitbet lil Citadel u urietha li bil-metodu maqbul bejn iz-zewg socjetajiet, kien hemm Profit commission dovut lil Laferla minn Citadel fuq negozju li kien sar bejniethom fis-snin 2001 u 2002 li jammonta ghal Lm12,120. Din kienet l-ewwel talba ghal hlas ta' commission billi fis-sena precedent ma kienetx saret talba billi l-ammonti involuti kienu zghar (LM150).

Laferla xehed li Ctadel irrifjtat thallas il-Profit Commission dovut lil Laferla ghal zewg motivi li gew elaborati minn Joseph Tabone fl-imsemmija ittra tas-27 ta' Jannar 2003 li huma: (a) la ma kienx hemm ftehim bejn iz-zewg partijiet fuq l-punti kollha li kellhom jigu emendati fl-Agency Agreement, l-ftehim li kien sar fuq l-metodu ta' komputazzjoni tal-Profit Commission m'huwiex validu; u (b) li dan l-commission mhuwiex dovut ghaliex Laferla kienet tat in-notice of termination tal-agenzija taghha lis-Citadel aktar kmeni cioe fis-27 ta' Dicembru 2002. F'dan l-kuntest Citadel ikkwotat din l-klawsola 14 tal-Agency Agreement: "*in the event that the Agency Agreement is terminated for whatsoever reason, profit Commisison shall not be paid thereafter until expiry of all liabilities under the policies written through the Agency or until all claims under policies written by the Agency shall have been fully discharged.*".

Fuq dawn l-argument tas-socjeta intimata, Laferla jghid li din l-kondizzjoni ta' 'qbil fuq kollox jew xejn' qatt ma kienet miftehma bejn iz-zewg partijiet minn qabel mabdew id-diskussjonijiet biex jigi emendat l-Agency Agreement izda din l-kondizzjoni ipprova idahhalha Joseph Tabone 'a posteriori' u zgur wara li kien diga sar l-ftehim bejn iz-zewg partijiet fuq l-metodu li kellu jintuza biex jigi mahdum il-Profit Commission. Xehed ukoll li fis-27 ta' Dicembru 2002 l-Agency Agreement ma giex "terminated" ghaliex inghata notice period ta' sitt xhur.

Fil-fatt it-termination date tal-agenzija kienet is-27 ta' Gunju 2003 appuntu d-data meta s-socjeta attrici waqfet topera bhala agent tas-socjeta intimata. Ghalhekk l-

kondizzjoni citata minn Citadel li *Profit Commission shall not be paid thereafter until expiry of all liabilities under the policies written through the Agency or until all claims under policies written by the Agency shall have been fully discharged*" tirreferi ghal perjodu wara 27 ta' Gunju 2003 u mhux ghal perjodu wara s-27 ta' Dicembru 2002.

Xehed li l-Profit commission pagabbli ta' LM12,120 tirreferi ghal perjodu li fih l-agenzija bejn Lafela u Citadel kienet attivia snin 2001 u 2002 u li eventwalment kienet giet terminata fis-27 ta' Gunju 2003. Ghaldaqstant dan l-ammont ta' LM12,120 gie mnaqqas mill-bilanc pagabbli lis-Citadel fil-31 ta' Lulju 2003.

Laferla ccara wkoll li s-socjeta intimata ghad trid thallas lis-socjeta attrici l-Profit Commission ghas-sitt xhur tas-sena 2003 cioe mil-1 ta' Jannar sas-27 ta' Gunju 2003 meta Laferla waqfet topera ta' agent tas-Citadel. Skond Laferla l-artikolu citat minn Citadel jista jappplika biss ghal profit commission pagabbli fuq dawk is-sitt xhur ta' operazzjoni fis-sena 2003 billi l-profit commission ghal dak l-perjodu seta sar pagabbli wara t-terminazzjoni.

Jenfasizza x-xhud li l-kwistjoni tal-ezistenza ta' profit Commission u l-metodu ta' kif dan ghandu jinhadem kien maqbul bejn iz-zewg partijiet minghajr ebda kondizzjoni ta' xi qbil iehor fuq tibdil ta' klawzoli ohra tal-Agreement. Huwa esebixxa kopja tas-sentenza fl-ismijiet Citadel Insuance plc vs Laferla Insurance Agnecy Limited (Citazzjoni numru 907/2004 FS) deciza minn din l-Qorti (dok L fol 49 et).

Laferla esebixxa wkoll dettalji tas-sistemi li gew maqbula bejn l-partijiet fir-rigward tal-hlas tal-profit commission (Dok M – fol 54) u kif ukoll l-workings li jwasslu ghas-somma pretiza mis-socjeta attrici b'applikazzjoni ta' dawn is-sistemi Dok O – fol 58).
A fol 155 ( u 187) **in kontro-ezami Mark Laferla** spjega li ccekja mar-records tal-kumpanija u sab li fil-binding authority li ffirmaw fl-appendix S hemm miktub *Profit Commission Statement to be submitted* u ezebixxa Dok L1 (fol 189 et) li hu parti mill-agreement. Spjega li bhala fatt illi meta ffirmaw l-agreement, appendix 5 ma kienetx tezisti pero huma kien hemm a gentleman's agreement u kienu ftehmu li appendix 5 tigi sottomessa fi stadju ulterjuri u cioe', fit-8 ta' Ottubru 2001 meta kien hemm Lino

Cutajar ghas-Citadel u Robert Baldacchino ghal Laferla. **Il-kuntratt finali gie ffirmat fil-15 ta' Dicembru 2000.**

Laferla esebixxa wkoll l-ittri kollha li saritlu referenza ghaliha tat-12 ta' Ottubru 2001 Dok L2 (fol.196) li turi car u titkellem dwar l-profit commission u li tahom diversi concessions.

A fol 156 (u fol 205) ikompli l-kontro-ezami ta' Mark Laferla u meta mistoqsi minn fejn jirrizulta li l-ftehim dwar il-profit commission Laferla wiegeb li dan jirrizulta minn Appendix 5 anness mal-ftehim li kien hemm profit commission (fol 33 et). Jirrizulta wkoll mil-ftehim tat-8 ta' Ottubru 2001 li sar minn Lino Ciantar tas-Citadel u Robert Baldacchino ghal Laferla. Dan gie konfermat b'ittra tas-Sur Tabone tat-12 ta' Ottubru 2001.

Laferla pprezenta l-ftehim bl-annexes kollha Dok LIA (fol. 209 et).

Xehed li l-ftehim tat-8 ta' Ottubru 2001 kien mehtieg minhabba l-workings tal-commission stante li l-profit commission tikkonsisti minn tlett modi u d-diskussjoni kienet dwar is-sistema ta' komputazzjoni kif tasal ghal din l-profit commission. Kien hemm htiega ta' dan ghax l-agreement kien jistipula li n-nies taghna ser jiltaqghu biex jifformula kif ser tinhadem l-commission. Kien hemm ftehim li appendix 5 dwar il-profit commission bejnu u bejn Tabone li appendix 5 kellu jigi mimli wara li jintlahaq ftehim bejn n-nies tieghu u n-nies ta' Tabone, liema ftheim intlahaq fit-8 ta' Ottubru 2001.

Laferla kompla jixhed in kontro-ezami li trid taghlaq is-sena qabel ma jkun hemm l-komputazzjoni tal-profit commission u li ghalih fl-agreement originali, l-ftiehem dwar il-computation ma kienx nieqes ghax Mr Tabone u hu qablu li n-nies taghhom kellhom jiltaqghu biex jistablixxu r-rata tal-profit commission.

Meta saritlu referenza a fol 47 para 2.2 Laferla wiegeb li dik saret ghax kien hemm qbil ma' Mr Tabone li dik tinhadem minn nies taz-zewg partijiet. Xehed li hu xtaq li ssir qabel izda Lino Ciantar qal li r-rata tal-profit commission kellha tigi deciza wara.

Huwa jinnega li meta ffirma l-klawsola 2.12. a fol 47 huwa kien qed jaqbel li ma kien hemm xejn aktar x'jiddiskutu u rega tenna li kellu l-kelma tas-Sur Tabone li wara n-nies taz-zewg partijiet kienu ser jiltaqghu biex jahdmu fuq l-profit commission u wara kellu dik l-ittra tas-Sur Tabone.

Meta saritlu referenza a fol 5 l-ittra tas-sur Tabone tat-12 ta' Ottubru 2001 Laferla xehed li dik hi l-ittra li qed tikkonferma l-profit commission. Ma jaqblix li dik l-ittra hi rizultat ta' chain of letters u rega tenna li dik l-ittra tikkonferma l-profit commission. Huwa eskluda kategorikament li Citadel kienet avzathom li b'xi mod in-negozjati dwar l-profit commission kienu marbuta ma' hwejjeg ohra fil-korrispondenza. Izda kkonferma fil-korrispondenza kienu jissemmew hwejjeg ohra.

Laferla xehed li ma sar ebda ftehim li jemenda l-agency agreement u rega rrepeta li Mr Tabone qallu li l-profit commission ser jinhadem minn Lino Ciantar ta' Citadel u Robert Baldacchino tas-socjeta attrici.

A fol 60 **Robert Baldacchino** fl-affidavit tieghu xhed li huwa General Manager tas-socjeta attrici u dana mill-1 ta' Jannar 1999. Xehed li meta ra l-Agency Agreement bejn il-partijiet ghall-ewwel darba f'Dicembru 2000 kien gibed l-attenzjoni tal-managing director tieghu Mark Laferla li ghalkemm kien hemm klawzola 14 fl-Agency Agreement li titkellem fuq Profit Commission pagabbli lil Laferla minn Citadel u kien hemm ukoll appendix No 5 intitolat "Profit Commission" li suppost kien jinkludi l-metodu ta' komputazzjoni tal-Profit Commission li kien nieqes mill-Agreement.

Jaf li kemm Mark Laferla u kemm Joseph Tabone kienu qabblu li jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet minghajr dewmien u dan jafu ghax qallu Mark Laferla u fis-sena 2001 bdew isiru laqghat bejn iz-zewg socjetajiet biex jindirizzaw n-nuqqasijiet fl-Agency Agreement. Baldacchino xehed li kien ikun prezenti ghal uhud minn dawn il-laqghat u kien involut b'mod partikolari fid-diskussjonijiet li kienu jirrigwardaw l-profit commission.

Baldacchino xehed li ghal dak li jirrigwarda il-lat tekniku tal-komputazzjoni tal-Profit Commission kienu aktar involuti hu ghal Laferla u Lino Ciantar ghas-Citadel. Il-metodu ta' komputazzjoni tal-Profit Commission kien gie maqbul waqt laqgha fit-8 ta' Ottubru 2001 li ghalhia kien prezenti hu u dan jidher mil-ittra ta' Joseph Tabone lil Stephen Thake li tghid li z-zewg partijiet kienu qabblu fuq l-metodu ta' kumputazzjoni tal-Profit Commission propost mis-Citadel fit-8 ta' Ottubru 2001. Skond hu permezz ta' dan l-qbil l-Appendix no 5 tal-Agency Agreement kien gie finalizzat.

Gara li f'ittra datata 27 ta' Jannar 2003, Joseph Tabone qal lis-socjeta attrici li dan l-ftehim fuq l-komputazzjoni tal-profit Commission ma kienx validu ghaliex Laferla u Citadel ma kienux qablu fuq emendi ohra li kellhom isiru fl-Agency Agreement ta' bejniethom. Baldacchino sostna: "*dan ir-ragunament ma jifmhux ghaliex ma kien hemm l-ebda kondizzjoni li kien jaf biha hu li kienet tghid li l-hlas ta' profit commission dovut lil Laferla jew l-metodu ta' kif dan kellu jigi determinat kien marbut ma' qabil bejn iz-zewg partijiet fuq emendi ta' klawzoli ohra fl-Agency Agreement.*"

Baldacchino xhed li skond l-metodu ta' komputazzjoni maqbul bejn iz-zewg partijiet l-ammont ta' profit commission dovut fuq business li ghadda bejn Laferla u Citadel sal-31 ta' Dicembru 2002 kien jammonta ghal LM12120 u li Citadel ghad trid thallas lil Laferla l-Profit Commission ghas-sitt xhur tas-sena 2003 cioe mill-1 ta' Jannar sas-27 ta' Gunju 2003 meta Laferla waqfet topera ta' agent tas-Citadel. Kien maqbul bejn iz-zewg partijiet li l-profit commission fuq business li ghadda minn Laferla ghas-Citadel matul dawn is-sitt xhur ghandhom jithallsu meta "all liabilities have expired" jigifieri meta l-insurance claims kollha li jirreferu ghall-business li ghadda bejn Laferla u Citadel ikunu thallsu.

A fol 153 (ripetuta fol 169) **Robert Baldacchino** bi zjieda mal-affidavit tieghu, xehed li s-somma li s-socjeta qed titlob waslet ghaliha kif jidher minn Dok A li jinsab diga esebiet u rega pprezenta kopja tieghu dok AA. Huwa xhed li mas-Citadel kienu ftehmu fuq formula kif tinhadem l-profit commission. Xehed li huma jinxurjaw bhala agenti tac-Citadel u jiehu commission ta' agenti. Kienu wkoll ihallsu l-claim.

Huwa spjega li Dok AA (fol 172 et) hu l-premium li dahal fi tlett kolonni – motor, personal accident (motor) u general (all others). Dawn juru l-premium u l-commission, l-claims li thallsu u r-rizervi fuq claims li huma miftuha. Dok AA juri kemm kienet l-commission u li din kienet tvarja. Dok AA kien gie maqbul ma Citadel jghid Baldacchino u xehed li kienu qablu wkoll, huwa ghan-nom ta' Laferla u Lino Ciantar ghan-nom ta' Citadel fit-8 ta' Ottubru 2001 tant li Joe Tabone ghas-Citadel fit-12 ta' Ottubru 2012 baghat ittra fejn kiteb hekk "acknowledged the agreement between both parties" jigifieri li l-agreement gie maqbul. Xehed li kien baghat lil Citadel Dok AA fl-10 ta' Jannar 2003 u hadd minnhom qatt ma kkontesta dan l-ammont.

B'referenza ghax-xhieda ta' Lino Ciantar meta qal li dan l-agreemnt kien suggett li jigi maqbul l-pakkett kollu, Baldacchino xehed li din l-kondizzjoni sar jaf biha wara l-ftehim u qatt ma kienet kondizzjoni meta qablu fuq l-profit commission. Huwa kompla jixhed li d-diskussjoni dwar profit commission bdiet f'Lulju 2001 u qablu li t-t-teknikalitajiet fuq l-profit commission jigu diskussi bejnu u Lino Ciantar. Kien iltaqghu diversi drabi u qablu fit-8 ta' Ottubru 2001 u kemm Joe Tabone qabel ghas-Citadel u s-Sur Laferla ghal Laferla Insurance qablu u l-ittra tat-12 ta' Ottubru 2001 mis-Sur Tabone turi dan. Citadel kellhom access ghal dettalji dwar kif gew komputati l-figuri migbura Dok AA.

A fol 317 rega xehed Robert Baldacchino li ghar-rigward l-klawsola 14 tal-binding authority agreement li xehed dwarha Joseph N Tabone ppreciza li s-somma mertu ta' din l-kawza tirrigwarda profit commission pagabbli sal-31 ta' Dicembru 2002 mentri l-agency agreement gie terminat fis-27 ta' Gunju 2003.

A fol 165 xehed **Lino Ciantar** xehed li jahdem mas-socjeta intimate bhala Divisional Head u li fis-sena 2001 kien Senior Manager. Xehed li kien hemm diskusjonijiet fis-sena 2000 dwar agency agreement bejn iz-zewg kumpaniji u dawn bdew f'Dicembru 2000 u komplew fis-sena 2001. Kkonferma li l-agency agreement gie ffirmat fil-15 ta' Dicembru 2001. L-agency agreement spicca f'Gunju 2003 u d-diskussjonijiet kienu fost affarijiet ohra jirrigwardaw profit commission.

Mis-Citadel kien hemm Cedric Caruana fuq l-profit commission li ma kienx baqa jahdem mas-Citadel. Dwar id-diskussjonijiet fuq il-profit commission kienu jiddiskutew principji generali u l-metodu ta' komputazzjoni ta' profit commission u bhala ezempju semma l-possibilita ta' free year moving average. Ciantar spjega li computation tfisser jekk il-portfolio ta' Laferla jmur tajjeb Laferla jippartecipa fil-profitt ta' dak l-portfolio. **Dwar il-mode of computation fir-rigward tal-partecipazzjoni tal-profit, Ciantar wiegeb li ma jiftakarx u fil-file ma kellux din l-informazzjoni.**

Ciantar jghid li wara li jigi stabbilit l-method of computation, l-profit commission jigi kalkulat mill-finance department billi jezaminaw l-figuri u jaghmlu l-kalkolazzjoni skond metodu li jkun gie mfitiehem. Huwa kien jitkellem ma' Robert Baldacchino ta' Laferla dwar dan l-metodu. Meta saritlu referenza ghall-ittra tat-12 ta' Ottubru 2001 (fol 5) Ciantar xehed li jiftakarha. Il-pozizzjoni tas-Citadel kienet li kellu jintlahaq qbil fuq kollox bhala pakkett shih biex wara jigu nkorporati f'addendum li kellu jigi ffirmat bejn iz-zewg partijiet u sottomess lil Malta Finacnial Services Authority ghall-approvazzjoni taghhom.

**Fuq l-profit commission Ciantar jammetti li kien hemm qbil dwar l-metodu u l-principju pero soggett li jsir ftehim fuq kollox**. L-agency agreement kien gie approvat mill-MFSA.

Muri Appendix 5 a fol 14, jammetta li rah dan id-dokument u li huwa dwar l-metodu kif ghandu jigi komputat l-profit commission u sar minn Laferla u kienu qablu fuq l-metodu. Fuq l-workings a fol 12 u 13 Ciantar jghid li l-workings kienu gew sottomessi u jammetti li dawn kienu l-workings pero l-figuri ma jistghax jghid hux dawk. Meta muri ittra ta' Laferla tal-10 ta' Jannar 2001 a fol 7 huwa wiegeb li ma jiftakrx li raha.

Il-working a fol 12 u 13 ma ghaddiehom lil hadd u l-impjegati tal-Finance Department kienu jiccekjaw l-figuri ta' Laferla mal-figuri li kellhom ic-Citadel bhal l-principal.

Is-socjeta' konvenuta pproduciet s-sewenti dokumenti:

Dok A (fol 72 et) sentenza finali tal-prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet inversi u bin-numru 907/04 CFS liema kawza giet deciza finalment fis-27 ta' Frar 2007.

Dok B (86 et) Affidavit ta' Joseph N Tabone li gie mahluf il-31 ta' Awissu 2005 u li gie prezentat fl-atti tal-kawza premessa fl-ismijiet inversi u bin-numru 907/04 CFS

Dok JNT 1 (fol 127et) estratt mill-binding authority agreement

A fol 111 xehed in kontro-ezami **Joseph Tabone** li b'referenza ghal paragrafu 3 tal-affidavit u meta mistoqsi li s-socjeta attrici kienet qed tfittex insurer (principal) biex topera maghha bhala agent u li s-socjeta attrici kienet fi trattativi ma kumpaniji ohra waqt li kienet qed ukoll fi trattativi mas-socjeta intimata qatghet dawn it-trattativi biex isegwi –trattativi li kien hemm mal-kumpanija intimata x-xhud wiegeb li ma hux minnu u li Mark Laferla mar ghandhom "as a last resort".

Mistoqsi dwar huwiex minnu li l-ftehim ta' agenzija konkluz bejn l-kontendenti kienx ukoll mahsub bhala prova dwar il-portfolio tas-socjeta attrici in konnessjoni mat-trattattivi ghall-akkwist ta' dik is-socjeta mis-socjeta konvenuta li dak iz-zmien kienu ghaddejin, Tabone qiegeb li huwa gie avvicinat minn Paul Mercieca li dak iz-zmien kien l-awditur taz-zewg kumpaniji li qallu li Mark Laferla kien qieghed ifttex principal ghax kien ser jiskadi l-ftehim li kellu ma principal iehor barrani u qallu li Mark Laferla kien qieghed ifittex biex ibiegh l-business tieghu. Tabone xehed li Mercieca qallu dan kollu ghax haseb li seta' jkun interessat u nnega li dawn iz-zewg proposti kienu allacjati ma' xulxin. L-ewwel wahda kienet li c-Citadel issir il-principal ta' Laferla Insurance Agency u t-tieni proposta ma kellhiex valur u fil-fatt s-Sur Laferla ma kienx iddiskutiha aktar mieghu cioe ma' Tabone ghax l-interess kien li sal-15 ta' Dicembru tas-sena 2000 ikun lahaq ftehim mal-principali biex ikun jista jopera ma' agenzija.

Tabone eskluda li s-socjeta attrici kienet dahlet f'negozjati maghhom bil-kundizzjoni li tidhol biss fi ftehim ta' agenzija bil-hsieb li n-negozju taghha jigi akkwistat minn Citadel Insurance.

Dwar il-profit commission meta saritlu referenza ghal paragrafu 8 tal-affidavit tieghu, Tabone kkonferma l-metodu tal-komputazzjoni li Mark Laferla ried li tigi adottata il-metodu li xtaqu huma. Ghalhekk thalliet barra mill-agreement. Xehed li qabel ma gie ffirmat l-kuntratt kien avza lil Mark Laferla li ma ftehmnux dwar profit commission. Xehed li kien qallu wkoll li l-kuntratt minghajr profit commission. Meta mistoqsi jekk ma' Mark Laferla kienx ftiehem li ghandu jkun pagabbli profit commission lis-socjet attrici, Tabone wiegeb li sal-hin li ffirmaw l-kuntratt huwa avzaw li ma humiex qed jiftehmu fuq profit commission u cioe l-profit commission sal-hin tal-iffirmar tal-kuntratt kien eskluz.

A fol 125 kompla l-kontro-ezami ta' Joseph N Tabone u kkonferma x-xhieda tieghu a fol 111 et u rrepeta li l-profit commission kienet eskluza u ta dawn ir-ragunijiet: (1) meta s-sur Laferla ffirma l-kuntratt l-profit commission kienet ghadha ma gietx miftehma; (2) is-sur Laferla lanqas ma ffirma l-kuntratt tal-binding authority; u esebixxa estratt minn dan l-binding authority agreement Dok JNT 1 (fol. 127et); (3) it-tielet raguni kienet li hu ghamel hafna attentati biex huma jkomplu d-diskussjonijiet bejniethom u sabiex meta jaqblu fuq is-suggetti kollha li s-Sur Laferla u hu riedu jibdlu fil-ftehim u cioe l-agency agreement, isir addendum tal-ftehim sussegwenti , jinhemez mal-agency agreement u jintbaghat ukoll lil MFSA biex ikollha d-dokumenti aggornati. Pero gara li s-Sur Laferla tramite Dr Stephen Thake beda jiddiskuti l-affarijiet li xtaq jibdel hu pero meta walsu biex jiddiskutu dawk l-punti li x-xhud xtaq ibiddel li kienu krucjali, huwa gie infurmat li s-sur Laferla qata d-diskussjoni hesrem. Tabone rrefera ghall-korrispondenza ta' Dr Stephen Thake li hu nnifsu jghid l-addendum ma giex iffirmat.

Barra minn hekk l-profit commission dejjem tinghata meta jkun hemm relazzjoni bejn il-principal li f'dan il-kaz kienet is-Citadel u l-agent taghha ghal numru ta' snin u f'dan il-kaz ma kienx hemm in vista tat-terminazzjoni. Kien hemm relazzjoni ta' sentejn u nofs biss. Meta suggerit lilu li kien biss il-metodu tal-komputazzjoni tal-

profit commission li ma kienx miftihem u mhux li ma kienx hemm fethim dwar il-profit commission nnifsu, Tabone wiegeb li ma jaqbilx izda qabel li saru numru ta' laqghat izda mhux biex jigi miftiehem l-metodu ta' komputazzjoni tal-profit commission izda biex dak kollu li riedu jbidlu l-partijiet jigi diskuss u mhux jigu diskussi dawk il-punti biss li ried ibiddel Laferla imbaghad jitronka d-diskussjoni.

Tabone xehed li punt krucjali li ried ibiddel Laferla u li hu ried li jibqa kif inhu kien dwar ir-run off li ma kienux ftehmu dwaru. Tabone cahad li kien hemm ftehim dwar il-metodu ta' komputazzjoni tal-profit commission u xehed li laqghat saru izda ftehim finali ma ntlahaqx. Jaqbel pero li kien hemm diversi punti li ma ftehmux dwarhom . meta suggerit lilu li l-metodu ta' komputazzjoni Laferla kienet qablet ma' dak li ssugeriet is-Citadel fuq dan l-punt, Tabone wiegeb li ma ghandux l-karti quddiemu izda dan ghalih ma jfisser xejn.

A fol 264 l-partijiet prezentaw l-binding authority agreement

**Konsiderazzjonijiet**

Ili s-socjeta attrici hija licenzjata sabiex topera bhala socjeta asskuratrici filwaqt li s-socjeta konvenuta hija licenzjata sabiex topera bhala agent ta' assikurazzjoni, t-tnejn a tenur tal-Kapitolu 403 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bejn Jannar 2000 u Gunju 2003 s-socjeta attrici kienet topera bhala agent tas-socjeta konvenuta u qed tippretendi hlas ta' LM12,120 cioe €28,232 minghand s-socjeta konvenuta bhala kummissjoni fuq l-qliegh cioe profit commission ghal perjodu mill-ewwel (1) ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Dicembru 2002.

Gara li l-partijiet dahlu fi ftehim bejniethom u ffirmaw Agency Agreement fil-15 ta' Dicembru 2000 (fol 33 et) li ghalkemm kien klawsola 14 fl-Agency Agreement li titkellem fuq Profit Commission pagabbli lil Laferla minn Citadel u kien hemm ukoll Appendix No 5 intitolat "Profit Commission" li suppost kien jinkludi l-metodu ta' komputazzjoni tal-Profit Commission, dan kien nieqes mill-Agreement u li ghalhekk ma kienx hemm mehmuz l-metodu ta' kif l-profit commission kellha tinhadem.

Mark Laferla jikkontendi li kien hemm "gentleman's agreement" li l-appendix 5 li huwa dwar l-profit commission statement kellu jkun *submitted at a later date* wara li saru diversi laqghat bejn l-partijiet filwaqt li Joseph Tabone jghid li l-ftehim kien li jiftehmu fuq kollox jew xejn.

Matul is-sena 2001 bdew isiru laqghat bejn Laferla u Citadel biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fl-Agency Agreement u mil-lat tekniku tal-komputazzjoni kienu involuti Robert Baldacchino ghal Laferla u Lino Ciantar ghal Citadel.

Filwaqt li s-socjeta attrici tikkontendi li l-metodu ta' komputazzjoni tal-Profit Commission gie maqbul waqt laqgha fit-8 ta' Ottubru 2001 u li ghalhekk Appendix no 5 tal-Agency Agreement kien gie finalizzat, is-socjeta konvenuta ma taqbilx ma' dan u tghid li l-komputazzjoni tal-profit commission ma kienx validu ghaliex l-partijiet ma kienux qablu fuq emendi ohra li kellhom isiru fl-Agency Agreement ta' bejniethom. Skond is-socjeta attrici, anke s-socjeta intimata qablet dwar l-metodu ta' komputazzjoni ta' profit commission u prova ta' dan pproduciet l-ittra tat-22 ta' Ottubru 2001 (fol 5) tas-socjeta intimata.

Minbarra dawn il-laqghet is-socjeta attrici prezentat l-ftehim li sar mal-partijiet, u l-korrispondenza li ghaddiet bejn l-istess partijiet.

Is-socjeta intimata, mill-banda l-ohra tikkontendi wkoll li qatt ma kien hemm ftehim dwar l-ammont ta' kummissjoni jew dwar il-metodu ta' komputazzjoni ta' din l-kummissjoni u tammetti li l-kwistjoni mhux jekk l-attur haqqux xi kommissjoni izda jekk haqqux l-kummissjoni li qieghed jitlob.

Skond Citadel, la l-Binding Authority Agreement qatt ma gie ffirmat miz-zewg partijiet u la Para 6 tal-istess ftehim jghid li "*The rates of commission and where applicable profit commission shall be determined by and be either credited or paid in accordance with the Binding Authority*", ma jezisti ebda qbil u ghalhekk l-Qorti ma tistghax tapplika metodu ta' komputazzjoni li ma giex maqbul bejn l-partijiet u li permezz ta' ittra tat-30 ta' Novembru 2001 hija kienet gharfet lil Laferla Insurance li

fl-assenza ta' qbil fuq l-punti kollha pendenti *"Citadel can only be guided by the unchanged terms of the said agreement."*

Gara ghalhekk li f'Dicembru 2002 Laferla insurance avzat lil Citadel Insurance kienet qed tittermina l-agenzija taghha u skond Laferla kienet tat notice period ta' sitt xhur u t-termination date tal-agenzija kienet is-27 ta' Gunju 2003 d-data meta s-socjeta attrici waqfet topera bhala agent tas-socjeta intimata. Anke Lino Ciantar (fol 165 et) tas-socjeta intimata jaqbel li l-agency agreement spicca f'Gunju 2003 u li kien hemm diskusjonijiet fis-sena 2000 dwar agency agreement bejn iz-zewg kumpaniji li bdew f'Dicembru 2000 u komplew fis-sena 2001 u li l-agency agreement gie ffirmat fil-15 ta' Dicembru 2001.

Robert Baldacchino ghas-socjeta attrici xehed li mas-Citadel kienu ftehmu fuq formula kif tinhadem l-profit commission u Dok AA cioe l-ftehim tat-8 ta' Ottubru 2001 kien gie maqbul ma' Citadel. L-ittra tat-12 ta' Ottubru 2002 ta' Tabone ghan-nom tas-socjeta intimata li fiha kiteb "*acknowledged the agreement between both parties"* skond is-socjeta attrici dan ifisser li l-agreementt at-8 ta' Ottubru 2001 gie maqbul.

Lino Ciantar impjegat tas-socjeta konvenuta (fol 165) jammetti li kien hemm qbil dwar l-metodu ta' profit commission u l-principju pero kollox kien soggett li jsir ftehim fuq kollox. Meta gie muri l-workings a fol 12 u 13 huwa jammetti li dawn kienu l-workings pero l-figuri ma setghax jikkonfermhom.

Laferla tghid ukoll li Citadel irrifjutat li thallas l-profit commission dovut lilha ghal zewg motivi li gew elaborati minn Joseph Tabone fl-imsemmija ittra tas-27 ta' Jannar 2003 li huma – li la ma kienx hemm ftehim bejn iz-zewg partijiet fuq l-punti kollha li kellhom jigu emendati fl-agency agreement l-ftehim li kien sar fuq l-metodu ta' komputazzjoni tal-profit commission mhuwiex validu u li din l-commission mhuwiex dovut ghaliex Laferla kienet tat in-notice of termination tal-agenzija taghha lil Citadel aktar kmieni cioe fis-27 ta' Dicembru 2002 u f'dan l-kuntest Citadel ikkwotat Klawsola 14 tal-Agency Agreement li tghid: "*in the event that the Agency Agreement is terminated for whatsoever reason, profit commission shall not be paid thereafter*

*until expirty of all liabilities under the policeis written through the Agency or until all claims under policies written by the Agency shall have been fully discharged*."

Tabone ghas-socjeta intimata (fol 111) jghid li l-profit commission kienet eskluza ghax meta Laferla ffirma l-kuntratt l-profit commission kienet ghadha ma gietx mifthema; li Laferla lanqas ma ffirma l-kuntratt tal-binding authority u li hu ghamel hafna attentati biex huma jkomplu d-diskussjonijiet bejniethom u sabiex meta jaqblu fuq is-suggetti kollha z-zewg partijiet ibidlu l-agency agreement isir addendum tal-ftehim sussegwenti, jinhemez mal-agency agreement u jintbaghat ukoll lil MFSA biex ikollha d-dokumenti aggornati. Pero skond Tabone Laferla qata hesrem id-diskussjoni meta gew biex jiddiskutu l-punti li Tabone xtaq ibiddel.

Dwar din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata dwar ir-res judicata a fol 104 l-Qorti ordnat li l-gbir tal-provi jsir fuq it-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha fil-kawza.

"Illi t-tifsira ta' *res judicata* giet ben definita mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kummercjali deciz fil-5 ta' Ottubru 1992 fl-ismijiet **Dr. Jose Herrera noe vs Anthony Cassar etnoe**, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irriteniet illi:

> *'Sentenza li ghaddiet 'in giudicato' jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – res judicata pro veritate habetur – jigifieri l fundament ta' l-'actio' u tal l-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali'*

Fil-kawza fl-ismijiet **Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et** (Citaz. Nru. 766/00JRM) decizafil-25 ta' Settembru 2003 fejn l-Onorabbli Qorti ezaminat l-element illi jikkostitwixxu gudikat u kkonkludiet illi:

> *'Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi)… kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew*

> *definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilita' ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat'.*

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Anthony u Jane konjugi Borg vs Anthony Francis u Venera konjugi Willoughby** deciza fit-28 ta' Marzu 2004 fejn l-Qorti diversament presjeduta elaborat il-principju li:

> *'ghalkemm biex jista' jigi invokat il-gudikat,hemm bzonn l-identita' ta' l-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun assoluta basta li jkun hemm l-identita`fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti integrali ta' l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni. Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta' kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta' l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f'kawza deciza b'sentenza li gja ghaddiet f'gudikat.'*

Hemm qbil generali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa mehtieg biex l-eccezzjoni tal-gudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jigu murija minn min iqanqal l-eccezzjoni biex din issehh. Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia resest)

L-eccezzjoni tal-gudikat tissemma fl-**artikolu 730 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili** bhala wahda li dwarha ghandha tinghata decizjoni b'kap ghaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-decizjoni ahharija;

**Fis-sentenza fl-ismijiet Pace Edmea vs Pavia Edward deciza 3 ta' Lulju 2003 l-Imhallef Tonio Mallia irritiena**:

*"L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha (a) l-interess pubbliku, u (b) hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti b'sentenza, (c) li tbieghed il-possibilita' ta' decizzjonijiet li jmorru kontra xulxin, u (d) li taghlaq il-bieb li kwestjonijiet definiti jibqghu jinfethu bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti b'sentenza li tkun diga' nghatat dwar dik il-vertenza. Illi minhabba l-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li tkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'kaz ta' dubju, il-gudikant ghandu jsib kontra dik l-eccezzjoni..*

*L-elementi tal-gudikat huma eadem personam, eadem res u eadem causa petendi.*

*Hu maghruf li, ghalkemm ma jistax jigi eccepit il-gudikat fid-difett tar-rekwizit tal-identita' tad-domandi, il-gudikat hu valevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti li, ghalkemm mhux identika ghal dik definita bil-gudikat, tkun fondata fuq l-istess `ratio petendi'; u hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-meritu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess; u ghalkemm, biex jista' jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita' tal-oggett, din l-identita' ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jidhol bhala parti integrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni.*

*Il-gudikat ma jintilifx bl-introduzzjoni ta' persuna ohra fil-kawza li l-presenza taghha ma tkunx strettament necessarja.*

*Huwa principju generali li l-gudikat jolqot ukoll eccezzjonijiet*

> ***u argumenti li setghu gew sollevati f'gudizzju precedenti. Jekk parti, f'kawza precedenti titlob l-inforzar ta' kuntratt u tinghata sentenza a bazi ta' dak il-kuntratt, il-validita' ta' dak il-kuntratt ma tistax tigi diskussa f'gudizzju iehor. Darba kuntratt jigi invokat f'kawza u impoggi bhala l-bazi ta' dik l-azzjoni, kwalunkwe difisa li jista' jkollha effett li tinewtralizza jew twaqqa' dak il-kuntratt, (bhal, per ezempju, li l-parti l-ohra mhux proprjetarja u ma tistax tittrasferixxi titolu tajjeb), kellha tigi sollevata f'dak il-gudizzju, u darba li l-Qorti taghti effett lil dak il-kuntratt u tordna l-ezekuzzjoni tieghu, ma jistax, f'gudizzju iehor, jingiebu argumenti jew jitressqu provi bil-hsieb li jigi distrutt dak il-gudikat.***
>
> ***Jekk sentenza la tigi appellata u lanqas ritratta, tghaddi in gudikat b'mod li ma tkunx tista' tigi attakkata u hija rrevokabbli. L-interess tal-ordni pubbliku u c-certezza li taghti sentenza jigu menomati jekk kawza tkun tista' dejjem tinfetah mill-gdid fuq allegazzjoni li, min tilef, "skopra" xi fatt jew prova gdida! Jekk dan ikun premess, kull kawza tkun tista' terga' tinfetah, ghax zgur li l-parti telliefa tkun fi grad takkwista xi xhud, argument jew fatt iehor gdid. Taht certi cirkostanzi, l-ligi stess tippermetti s-smiegh mill-gdid ta' kawza f'kaz ta' provi godda, izda dan tista' taghtih biss fil-limiti tal-procedura ta' re-trattazzjoni, u mhux b'mod iehor.”***

Vide ukoll **Cit Nru 1209/2000/1 RCP – Rabat Construction Ltd vs. Cutajar Contruction Company Ltd. Deciza minn l-Imhallef RC Pace fid-9 ta’ Jannar 2002; Joseph Ellul Mercer noe et vs Albert Borg Olivier de Puget et”** (Appell 7 ta’ Frar, 1958, Vol. XLII. I. 5; p. 10), il- Qorti sostniet li:- *“wiehed mir-rekwiziti li jehtieg jikkonkorru sabiex jista’ jiginvokat il-gudikat hu dak ta’ l-identita` tal-oggett (‘eademres’), u* **“Camilleri vs Baldacchino”** (P.A. 5 ta’ Mejju,1898, Vol. XVI. II. 253. pg 255), l-Imhallef P. de Bono rrikonoxxa li “*….La diversita` dell’oggetto fa mancare lo estremoessenziale dell’identita` della cosa giudicata”.*

Vide ukoll sentenza **"Camilleri vs Pace"** A.C. 5 ta' Novembru 1951; **"Assunta Cassar vs Dr. Carmelo Zammit noe"** (A.C. 10 ta' Dicembru 1956 - Vol. XL. I. 402); **"Catherine Portelli vs Joseph Cachia et."** (Q.K. 10 ta' Dicembru 1992 - Vol. LXXVI. I. V. 719); **"Charles Grixti vs Salvino Schembri et"** (Appell 11 ta' April 1958 - Vol. XLII. I. 198).

Is-socjeta intimata tibbaza din l-eccezzjoni taghha fuq is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta esebita a fol 72 et tal-process **kawza nru 907/2004 LFS deciza fis-27 ta' Frar 2007 mill-imhallef Lino Farrugia Sacco fl-ismijiet Citadel Insurance plc vs Laferla Insurance Agency Limited.** F'din l-kawza t-talba tas-socjeta Citadel kienet *biex s-socjeta Laferla thallasha LM12,128.30c import ta' premia assigurativi u somom ohra liema flejjes jappartjenu lill-kumpanija attrici li l-kumpanija konvenuta li gabret u/jew kellha tigbor ghan-nom u fl-interess tal-kumpanija ai termini tal-fuq isemmi ftehim*.

Il-Qorti laqghet it-talba attrici u cahdet l-eccezzjoni tas-socjeta Laferla li s-somma pretiza kienet giet pacuta u kompensata in kwantu ghal Lm12120 ma somma ekwivalenti dovuta u pagabbli minn Citadel lil Laferla bhala profit commission miftiehem bejn l-kontendenti u likwidat b'mod konformi mal-prattika u l-uzanzi tan-negozju tal-assikurazzjoni kif konfermat u mfitiehem bejn l-kontendenti u in kwantu ghal bilanc ta' Lm8.30 kien kompensat ma' credit note f'dan l-ammont mahrug lis-socjeta Laferla lil Citadel.

Il-Qorti ddeciediet li biex tregi l-eccezzjoni ta' tpacija l-ammont irid ikun cert, likwidu u dovut u qalet ukoll li jispetta ghal Laferla li taghmel uzu mid-disposizzjoni li taghita l-ligi biex javanza l-pretensjonijiet taghhom kontra l-attur u kkonkludiet li Laferla ghandha tithallas kummissjoni ghax-xogholijiet li wettqet bhala agent tas-socjeta Citadel u dan ghal perjodu sakemm gie terminat l-kuntratt izda peress li ma jirrizulta l-ebda mod ta' komputazzjoni ta' din l-profit commission mill-atti, dan ma hux likwidu.

F'din l-kawza is-socjeta Laferla qed *titlob sabiex Citadel tigi kundannata thallasha s-somma ta' tnax-il elf mija u ghoxrin Lira Maltin (LM12120.00) rapprezentanti*

*kummissjoni fuq l-qliegh ossija profit commission ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Jannar elfejn u wiehed (2001) u l-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru elfejn u tnejn (2002) pagabbli lis-socjeta mittenti in konnessjoni ma' l-operazzjoni tas-socjeta attrici bhala agent tal-istess socjeta konvenuta kif kkalkolat fuq l-attivita tas-socjeta mittenti matul dan l-perjodu skond il-metodi u l-kriterji miftehma bejn l-kontendenti.*

Illi ghalhekk ma jirrizultax li hemm l-identita tal-oggett u eadem causa petendi stante li t-talba ta' Citadel fil-kawza **nru 907/2004 LFS** hija differenti mit-talba ta' Laferla f'din l-kawza u li dak li ddecidiet l-Qorti fil-kawza nrum 907/2004 huwa dwar l-element ta' tpacija u kkonkludiet li hemm dritt ta' hlas ta' kummissjoni lil Laferla liema ammont mhux likwidu stante li ma ma hemm ebda mod ta' komputazzjoni. A kull bon fini jigi rilevat li l-**artikolu 1197 tal-Kodici Civili** *jistabbilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom t-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu,* haga li ghal Qorti l-ftehim tal-partijiet tal-15 ta' Dicembru 2000 ma stabiliex.

Oltre dan t-talba fil-kawza 907/2004 kienet a bazi tal-ftehim tal-15 ta' Dicembru 2000 mentri t-talba f'din il-kawza hija bazata fuq l-metodi u kriterji miftehma bejn l-partijiet.

Fil-kaz de quo l-Qorti qed tigi mitluba tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici ammont ta' flus ta' kummissjoni kif kkalkolat fuq l-attivita tas-socjeta mittenti matul dan l-perjodu skond il-metodi u l-kriterji miftehma bejn l-kontendenti u mhux bazat fuq il-ftehim tal-15 ta' Dicembru 2000 kif kienet bazata t-talba ta' Citadel fil-kawza nru 907/2004 LS.

Ghaldaqstant il-Perit Legali kienet tal-fehma li l-Qorti ghandha tichad din l-eccezzjoni.

Jigi rilevat li l-partijiet jaqblu li s-socjeta attrici ghandha tigi kumpensata bi hlas bhala profit commission izda ma hemmx qbil dwar kif din l-kummissjoni ghandha tigi kalkulata. Jigi rilevat li d-dokument tat-8 ta' Ottubru 2001 a fol 201 l-partijiet jaqblu

dwaru u li ma jaqblux huwa li Laferla jghid li dan huwa binding u Citadel tghid li, la ma sarx ftehim fuq kollox ma sar ftehim fuq xejn.

Mill-provi prodotti hemm ix-xhieda prodotta miz-zewg partijiet u l-Agency Agreement, l-Binding Agreement u l-korrispondenza li ghaddiet bejn iz-zewg partijiet. Ghalhekk il-perit legali analizzat t-testimonjanza prodotta u l-provi dokumentarji.

Ghal dak li huwa apprezzament tax-xhieda prodotti, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet Vide **Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952.

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

> *"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*
>
> *Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia deciza fl-24 ta' Novembru 1966** gie ritenut **:**

> *"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha …… . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tassoliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc talprobabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghallkonvinciment tal-gudikant …… . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti"*

Vide ukoll **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Il-partijiet dahlu fi ftehim jissejjah Agency Agreement fil-15 ta' Dicembru 2000 minghajr ma qablu fuq kif ser tigi komputazzata l-profit commission u minghajr ma ffirmaw l-binding agreement. Is-socjeta intimata pero taqbel li Laferla ghandha tithallas tal-kummissjoni izda mhux bil-mod kif qed tipproponi l-istess socjeta attrici.

Klawsola 14 tal-istess Agency Agreement tikellem fuq profit commission pagabbli lil Laferla minn Citadel.

Dan l-Agency Agreement kellu appendici Appendix No 6 intitolat "Profit Commission" li suppost kien jinkludi l-metodu ta' komputazzjoni tal-profit Commission li kien nieqes mill-Agreement.

Fit-8 ta' Ottubru 2001 l-partijiet qablu fuq l-metodu ta' komputazzjoni tal-Profit Commission ghal-liema laqgha kien prezenti wkoll Mark Laferla.

Fit-12 ta' Ottubru 2002 Citadel tinforma lil Dr Stephen Thake ghan-nom ta' Laferla bis-segwenti (fol 5):

1. *Profit Commission*

   *We acknowledge Laferla Insurance Agency Ltd's agreement and approval of the amended wording of the Profit Commission as presented to Mr Mark Laferla on the 8th October 2001.*
2. *Quotations/Partcipation on Co-Insrance Risks (Art 6).*
3. *Run –Off (Art 11.4)*

Tabone jghid li fl-ittra tat-12 ta' ottubru 2001 fol 5 huwa kien ghamilha cara li kollox kien sogget …*please be aware that any agreement or amendment of the Agency Agreement entered into on the 15th December 2000 will only be accepted and signed by Citadel Insurance plc subject to your agreement and acceptance of Article 11.4."*.

Izda meta l-perit legali fliet sew din l-ittra tat**-12 ta' Ottubru 2001** sabet li din l-kondizzjoni tirreferi ghal jekk ma jaqbilx fuq l-artiklu 6 dwar quotations'participation on co-insurance risks u mhux ghal profit commission. Item 3 intitolata Run –Off (art 11.4) tghid kontestwalment hekk:

> *We do not intend to make any alterations to the abovementioned Article (liema abovementioned article huwa l-artiklu 6 dwar Quotations/Participation on co-insurance risks) ) that was included in the first draft of the Agency Agreement and all subsequent drafts. Please be aware that any agreement for*

> *amendment of the Agency Agreement entered into on the 15th December 2000 will only be accepted and signed by Citadel Insurance plc subject to your agreement and acceptance of Art 11.4.*

Saret ukoll referenza ghal dan il-bran tal-korrispondenza:

> *Mr Laferla is surely aware how we have gone out of our way on several occasions in an attempt to meet his Agency's requests. Among others, the rates of commission we have offered are in excess of the rates normally available in the local market, we have granted numerous concession with regards to the Profit Commission Scheme , we have allowed a percentage ….*
>
> *Should Mr Laferla not wish to accept Art 11.4 it may become necessary to renegotiate other aspects of the Agreement.*
>
> *To-date we consider our relationship with Laferla Insurance Agency Ltd regulated and boundby all the Articles contained in the Agency Agreement signed by Mr Laferla in December last year.*
>
> *This matter has dragged on for many months and the situation must now be brought to a conclusion in the interest of both parties.*
>
> *Furthermore we propose that an instrument to amend the Agency Agreement is to be signed before next Wednesday 17th October 2001.*

Minn din l-ittra johrog car li l-ftehim kien sar dwar kif kellha tigi komputata l-profit commission u li tali ittra ma ssemmi xejn li jekk ma jsirx qbil fuq l-art 11.4 dak miftiehem fuq l-profit commission ma jkunx aktar jghodd.

Skond Mark Laferla tas-socjeta attrici kellu jkun hemm Addendum li jigi memuz jew jikkjarifika l-kuntratt fir-rigward tal-profit commission li ghandha tithallas lis-socjeta attrici u li l-qbil fuq l-metodu tal-komputazzjoni tal-profit commission intlaqhaq fit-8

ta' Ottubru 2001. Izda Citadel f'ittra li baghat Joseph N Tabone fis-27 ta' Jannar 2003 kien informa lil Citadel li dak l-ftehim fuq l-komputazzjoni tal-profit commission ma kienx validu ghax z-zewg partijiet ma kienux qablu fuq emendi ohra fl-agency agreement.

Veru li s-sitt paragrafu tal-ftehim tal-15 ta' Dicembru 2000 jghid li "*The agent shall be entitled to receive commission and the Principal will either credit or pay the Agent the said commission upon the premiums received and collected by the Agent on behalf of the Principal and remitted to the principal only as stated and in accordance with the Binding Authority*.. kif ukoll *The rates of commission and where applicable profit commission shall be determined by and be either credited or paid in accordance with the Binding Authority.";* izda s-socjeta attrici mhix qed tibbaza l-pretensjonijiet taghha fuq dan l-ftehim izda fuq il-metodi u kriterji miftehma bejn l-kontendenti u cioe fuq l-ittra tat-**12 ta' Ottubru 2001** fol. 196 et mibghuta minn Citadel lil Dr Stephen Thake .

A fol 264 l-partijiet prezentaw l-binding authority agreement .

Gara izda li f'ittra tat-**30 ta' Novembru 2001** Tabone ghan-nom ta' Citadel inform a lil Laferla li fl-assenza ta' qbil fuq l-punti kollha li kienu qed jigu diskussi, Citadel kienet ser tqis l-Agreement originali bhala dak li jorbot iz-zewg partijiet (fol 56) Joseph Tabone kiteb hekk "***Citadel can only be guided by the unchanged terms of the said agreement.***"

*Fl*-**10 ta' Jannar 2003** s-socjeta attrici baghtet kont lis-socjeta konvenuta bazat l-method of caldulation maqbul bejn l-partijiet fit-8 ta' Ottubru 2001. (fol 14 et).

Permezz ta' ittra tas-**27 ta' Jannar 2003** is-socjeta Citadel informat lis-socjeta Laferla li ma hemmx qbil dwar il-calculation of the profit commission.

Stante li s-socjeta intimata tikkontendi li qatt ma kien hemm ftehim dwar l-ammont in kwistjoni jew dwar il-metodu ta' komputazzjoni, l-punt ghalhekk krucjali huwa jekk l-ittra tat-12 ta' Ottubru 2001 torbotx lis-socjeta konvenuta meta infurmat lis-socjeta

attrici li hija qed tapprova l-emenda fil-profit commission scheme li hija dik moghtija lil Mark Laferla fit-8 ta' Ottubru 2001.

F'dan il-kaz ghandna l-principju li "che non e' ammissibile la prova testimonial contro o in aggunta al contenuto di un atto scritto " (**Hasan vs Ebejer Qorti Kummerc 18 t'Ottubru 1892 a Vol XIII.270**) u l-prova testimonjali tax-xhieda prodotti li sservi biex tillustra x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet izda ma tistax tissupplixxi ghal dak kjarament dettaljat fl-iskrittura jew biex tirrendi palezi l-intenzjoni komuni u vera tal-kontraenti u mhux dik biss tieghu. Inoltre sabiex wiehed jirribatti l-iskritt l-konvenut htieglu jipprova adegwatament l-ezistenza tas-simulazzjoni (Ara **Vol XII.348**) u jista jizdied ukoll l-frodi jew raguni ohra valida (Vol XVI. Ii.90) jew li l-kitba kienet ambigwa (**Vol XXVI.i.414**) jew xi patt incidentali u accessorju **(Vol XX.i.634).**

Jigi wkoll osservat li bhala regola generali contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non aefertur izda jigi rilevat li kull kaz ghandu jigi ezaminat skont il-fattispecje tieghu. Ukoll li "*it-transazzjoni ghandha bejn l-partijiet is-setgha ta' sentenza li ghaddiet gudikat (*Vide **Volume XLII part ! page 418**).

*Meta tezisti skrittura jew kitba li turi x'kienet il-volonta negozjali tal-kontraenti dwar dak li ftehmu u l-modalita tieghu, dik il-ktiba b'dak il-ftehim ghandi tigi mantenuta billi mhux pemissibbli jingiebu provi kontra l-miktub hlief fil-kazijiet specjali (ezempju uzura) ghal liema tirreferi d-duttrina legali u l-gurisprudenza* (**ara Sentenza Qorti tal-Kummerc deciza fil- 5 ta' Mejju 1955 in re Rev. Can Emmanuele Muscat vs Lucy Portelli.**

Jirrizulta mill-provi li l-ittra tat-12 ta' Ottubru 2001 intbaghtet mis-socjeta konvenuta; li tali ittra tghid li taqbel mal-komputazzjoni tal-kummissjoni kif qablu dwarha l-partijiet fit-8 ta' Ottubru 2001 u li ghalhekk tali ittra tat-12 ta' Ottubru 2001 kienet prova bizzejjed, li s-socjeta konvenuta kienet qablet mal-mod kif ghandha ssir l-komputazzjoni tal-commission fil-laqgha tat- 8 ta' Ottubru 2001 u li l-kondizzjoni li ghamlet l-istess socjeta konvenuta meta fl-istess ittra kitbet - *Should Mr Laferla not wish to accept Art 11.4 it may become necessary to renegotiate other aspects of the*

*Agreement* –ma ghandha x'taqsam xejn mal-komputazzjoni tal-kummissjoni u ma jistghax jinghad, kif qed tippretendi s-socjeta konvenuta, li, la ma qablux fuq kollox ma qablu fuq xejn.

Tant huwa hekk li fl-ittra tat-12 ta' Ottubru 2001 Joseph N Tabone tas-Citadel kiteb:

> *To-date we consider our relationship with Laferla Insurance Agency Ltd regulated and bound by all the Articles contained in the Agency Agreement signed by Mr Laferla in December last year. This matter has dragged on for many months and the situation mut now be brought to a conclusion in the interest of both parties. Furthermore we propose that an instrument to amend the Agency Agreement is to be signed before next Wednesday 17th October 2001.*

Kif kiteb ukoll li jekk Laferla ma jaqbilx mal-klawsola 11.4 biss " *it may become necessary to renegotiate **other aspects**[1] of the Agreement".* Tali kondizzjoni ma tirreferix ghal ftehim kollu izda ghal aspetti ohra tal-ftehim liema aspetti ma jinkludux dak li gie miftiehem fuq l-komputazzjoni tal-kommissjoni.

Jigi rilevat ukoll li l-intenzjoni tal-partijiet ghandha tigi meqjusa biss meta t-tifsira ma tkunx cara – Vide **John Zammit vs Michael Zammit Tabone et 28 ta' Frar 1997 Qorti tal-Appell.** In oltre f'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992(1) tal-Kodici Civili **(Prim Awla per imh Sciberras Portanier George noe vs Bezzina Charles 3 t'Ottubru 2003 )**

Ghaldaqstant il-Perit Legali kien tal-fehma li l-ittra tat-12 ta' Ottubru 2001 kienet cara u turi li tali accettazzoni ma kienetx suggetta li jintlahaq ftehim fuq l-pendenzi kollha biex l-ftehim dwar il-komputazzjoni tal-commission tat-8 ta' Ottubru 2015 jidhol fis-sehh u ghalhekk it-talba tas-socjeta attrici kellha tigi milqugha.

[1] Sottolinear tal-perit legali

Is-socjeta attrici qed titlob ukoll li l-imghax jibda jiddekorri mil-1 ta' Jannar 2003 sad-data tal-pagament effettiv stante li skond hi, somma facilment likwidata titqies bhala wahda likwida ghal fini tad-dekorenza tal-imghax u inoltre l-kawza giet prezentata ghal-somma fissa u likwida li fuqha ghandu jiddekorri l-imghax.

Mill-banda l-ohra, s-socjeta konvenuta toggezzjoni ghal dan fir-risposta guramentata taghha stante li s-somma mhijiex likwida ghax "in likwididantis non fit mora."

**l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili** jghid hekk:

> *1141(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*
>
> *(2) f'kull kaz iehor l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar li ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni tal-obligazzjoni.*

**Fis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2003 fil-kawza Mallia vs Bezzina Wettinger, l-Qorti tal-Appell qalet hekk:**

> *l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom iaghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita."*

Mill –provi jirrizulta li s-socjeta konvenuta qatt ma cahdet li ghandha taghti l-ammont pretiz mis-socjeta attrici, u d-difiza taghha kienet li la qablux fuq kollox ma qablu fuq xejn.

Is-socjeta konvenuta qed tibbaza fuq l-klawsola 14 tal-Binding Authority Agreement li tghid li *"in the event that the Agency Agreement Agreement is terminated for whatsoever reason Profit Commission shall not be paid thereafter until expiry of all liability under policies written through the Agency or until all claims under policieis written by the Agency shall have been fully discharged."*

Tali klaswola ma tghidx li l-profit commission mhix dovuta izda li l-hlas tal-commission isir wara li jithallsu l-premia assigurativi u somom ohra. Din il-commission kienet fl-ammont ta LM12128.30c skond s-sentenza tas-27 ta' Frar 2007 (kawza 907/2004 LFS fol 72 et). L-ftehim gie terminat fit-28 ta' Gunju 2003 u ghalhekk skond l-istess sentenza tali imghaxijiet bdew jiddekorru mit-28 ta' Gunju 2003 meta saru dovuti.

Il-perit legali kkonkludiet illi:

1. l-eccezzjoni ta' res judicata ghandha tigi michuda.

2. It-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi milqugha.

3. l-imghax jiddekorri minn meta s-socjeta attrici saldat d-dejn li ghandha mas-socjeta intimat skond is-sentenza kawza 907/2004 LFS.

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta illi s-socjetajiet kontendenti kienu dahlu fi ftehim ta' agenzija, permezz ta' liema is-socjeta rikorrenti bdiet tagixxi bhala agent tas-socjeta ntimata bejn Jannar 2000 u Gunju 2003, versu l-hlas ta' kummissjoni. Is-socjeta rikorrenti imbaghad intavolat din l-azzjoni sabiex tottjeni minghand is-socjeta ntimata l-hlas ta' Lm12,120, li s-socjeta rikorrenti tippremetti li huma dovuta bhala kummissjoni fuq il-qliegh ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Dicembru 2002.

Is-socjeta ntimata eccepiet preliminarjament illi l-azzjoni tas-socjeta rikorrenti hija milquta bir-res judicata stante illi skont hija, il-kawza numru 907/2004 fl-ismijiet inversi kienet iddecidiet li l-ftehim premess mis-socjeta rikorrenti qatt ma gie fis-sehh,

u bhala eccezzjoni is-socjeta rikorrenti kienet qajmet it-tpacija ghas-somma mitluba minn Citadel Insurance plc, liema eccezzjoni kienet giet michuda.

A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza citata mill-Perit Legali fir-rapport taghha fir-rigward tal-elementi tar-*res judicata*.

Fis-sentenza fl-ismijiet inversi deciza fis-27 ta' Frar 2007, Citadel Insurance plc kienet intavolat azzjoni kontra Laferla Insurance Agency Limited sabiex titlob il-hlas ta' premia assigurattivi u somom ohra li kienu ngabru minn Laferla Insurance Agency Limited ghan-nom u fl-interess ta' Citadel Insurance plc, kwistjoni allura bbazata fuq il-kuntratt konkluz bejn il-partijiet. Ghal din l-azzjoni Laferla Insurance Agency Limited kienet laqghat ukoll billi eccepiet it-tpacija ma' somma ekwivalenti dovuta lilha bhala profit commission.

F'dak il-kaz, il-Qorti kienet irragunat b'dan il-mod fir-rigward tal-eccezzjoni ta' tpacija:

> ***"Il-konvenuti appellanti kellhom, u jista' jkun ghad ghandhom, ghad-dispozizzjoni taghhom, mezzi fil-ligi biex javanzaw il-pretensjonijiet taghhom kontra l-attur. Jispetta ghalihom li jaghmlu uzu minnhom. Ma jistghux pero` jippretendu li din il-Qorti testendi l-interpretazzjoni ta' l-eccezzjoni tat-tpacija fejn il-ligi dan ma tippermettihx. Ma tistax din il-Qorti allura tiskarta l-element essenzjali ta'ccertezza u tal-likwidita` tal-kreditu li mieghu l-konvenut ikun qed jippretendi li ghandu d-dritt li jaghmel tpacija, kif lanqas tista` tapplika ghal dan l-element essenzjali xi interpretazzjoni anqas restrittiva minn dik li timponi l-ligi u mhux minnha konsentita, kif donnhom qed jippretendu l-appellanti proprio et nomine."***

Il-Qorti f'dik il-kawza kienet ikkonsidrat illi ghalkemm kien jirrizulta li Laferla Insurance Agency Limited kellha b'xi mod tigi kkompensata minn Citadel Insurance plc bi hlas bhala profit commission ghax-xoghol ta' gbir ta' premiums, ir-rata ta' kif

ghandha tinhadem il-profit commission ma kienetx tirrizulta u ghalhekk l-ammont reklamat minn Laferla Insurance Agency Limited ma kienx cert, likwidu u dovut hekk kif inhu rikjest mill-ligi sabiex tkun tista' tregi l-eccezzjoni ta' tpacija.

Il-Qorti tqis illi l-analizi maghmula minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tas-27 ta' Frat 2007 kienet wahda ristretta ghal **ezami ta' jekk jikorrux l-elementi rikjesti ghal applikazzjoni ta' tpacija**, u cioe jekk l-ammont reklamat minn Laferla Insurance Agency Limited kienx ammont cert, likwidu u dovut. Fil-fatt, il-Qorti kienet ikkonludiet hekk:

> ***"Ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` konvenuta ghandha tithallas kummissjoni ghax-xogholijiet li wettqet bhala agent tas-socjeta` Citadel, u dan ghall-perjodu sakemm gie terminat il-kuntratt, izda, peress li ma jirrizulta l-ebda mod ta' komputazzjoni ta' din il-profit commission mill-atti, dan ma hux likwidu."***

In vista ta' dan, il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali illi din l-azzjoni m'hijiex milquta mir-res judicata. Huwa car li l-causa petendi ta' din l-azzjoni hija sabiex l-ammont dovut bhala profit commission lis-socjeta rikorrenti jigi rez cert u likwidu mill-Qorti, kwistjoni li qatt ma kienet l-oggett tal-kawza fl-ismijiet inversi. Lanqas ma setghat din il-kwistjoni tkun parti tal-vertenza originali bejn il-partijiet, peress illi meta tinghata l-eccezzjoni ta' tpacija, sabiex din ikollha ezitu favorevoli, l-ammont in kwistjoni irid ikun diga wiehed cert u likwidu. Fi kliem iehor, l-azzjoni tal-llum kienet tkun necessarja sabiex l-eccezzjoni ta' tpacija tirnexxi ghaliex hija din l-azzjoni li ghandha l-effett li tirrendi l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti cert u likwidu, filwaqt li permezz tal-azzjoni fl-ismijiet inversi, wara l-eccezzjoni migjuba minn Laferla Insurance Agency, l-ezami tal-Qorti kien cirkoskritt ghall-kwistjoni ta' jekk l-ammont dovut lill-istess socjeta kienx cert u likwidu.

Filfatt ta' min jinnota illi l-azzjoni tas-socjeta rikorrenti m'hijiex ibbazata fuq il-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, izda fuq il-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet rigward il-komputazzjoni tal-profit commission fl-ittra tat-12 ta' Ottubru 2001, u ghalhekk il-bazi taz-zewg azzjonijiet hija kompletament distinta.

Huwa opportun hawnhekk li jigi mfakkar illi minhabba li l-eccezzjoni ta' res judicata timmira li twaqqaf azzjoni li tkun altrimenti jisthoqilha tigi meqjusa mill-Qorti, din l-eccezzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni dejqa, tant li f'kaz ta' dubju il-gudikant ghandu jaqta' kontra din l-eccezzjoni.[2] Huwa car ghalhekk illi fil-kaz de quo, l-eccezzjoni ta' res judicata mqajma mis-socjeta ntimata ma' tista qatt tirnexxi.

Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta ntimata qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Ma jidhirx kontestat mis-socjeta ntimata illi s-socjeta rikorrenti hija dovuta hlas bhala "profit commission". Il-kontestazzjoni tas-socjeta ntimata ticcentra biss fuq il-fatt illi skont hi, galadarba ma giex iffirmat il-Binding Authority, allura m'hemm l-ebda qbil bejn il-partijiet fuq kif ghandha ssir il-komputazzjoni tal-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti, bil-konsegwenza illi s-socjeta rikorrenti ma tistax tithallas il-"profit commission" dovut lilha. Il-posizzjoni tas-socjeta ntimata hija illi jekk ma kienx hemm qbil fuq kull punt li kien ghadu qed jigi diskuss wara li l-ftehim gie iffirmat, allura ma kien hemm qbil fuq xejn ghaliex kollox kien pakkett wiehed.

Il-Qorti tibda biex tinnota l-ewwel nett li dan l-argument li kollox kien pakket wiehed ma jirrizulta minn imkien fil-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet, ghajr f'dik skambjata **<u>wara</u>** illi s-socjeta rikorrenti baghtet ittra lis-socjeta ntimata, datata 10 ta' Jannar 2003, permezz ta' liema talbet il-hlas ta' profit commission ghas-snin 2001 u 2002.[3]

Anzi, mill-ittra mibghuta mis-socjeta ntimata lis-socjeta rikorrenti datata 12 ta' Ottubru 2001,[4] jidher pjuttost il-kontra. Dn l-ittra taghmilha cara illi fil-kaz li s-socjeta rikorrenti ma taqbilx mal-Artikolu 11.4 kif kien jinsab fil-ftehim "...***<u>it may become necessary to renegotiate other aspects of the Agreement</u>***." Din kienet il-konsegwenza espressa u esplicita msemmija mis-socjeta ntimata, u mhux il-fatt illi jekk is-socjeta rikorrenti ma taqbilx ma' dan l-Artikolu allura m'hemmx qbil lanqas rigward il-komputazzjoni tal-profit commission.

---

2 **Edward Borg et vs Edward Bartlett et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 8 ta' Novembru 2001.
3 Fol 7.
4 Fol 5.

Tant hu hekk, illi meta s-socjeta ntimata taghmel referenza ghal kemm hija ghamlet l-almu taghha sabiex tilqa' r-rikjesti tas-socjeta rikorrenti, hija tghid '...***we have granted numerous concessions with regards to the Profit Commission Scheme***...' Id-dicitura ta' din l-ittra turi illi kien hemm qbil bejn il-partijiet rigward il-komputazzjoni tal-Profit Commission, tant illi s-socjeta ntimata kienet qed taghmel referenza ghall-iskema ta' komputazzjoni tal-“profit commission” bhala ezempju tal-manjamita u generosita taghha.

Il-Qorti tqis li l-ittra tat-12 ta' Ottubru 2001 turi bic-car li kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet fir-rigward tal-komputazzjoni tal-“profit commission”, wara illi s-socjeta rikorrenti kienet accettat u qablet mal-proposta li kienet giet maghmula mis-socjeta ntimata. Mid-dicitura ta' dan il-paragrafu, u l-bqija tal-ittra, m'hemm xejn li jaghti wiehed x'jifhem, illi ftehim fuq dan il-punt kien jiddependi fuq ftehim fuq il-punti kollha.

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tal-imghax dovut, is-socjeta ntimata targumenta illi l-perit legali waslet ghal konkluzjoni zbaljata rigward il-kwistjoni ta' minn meta ghandu jibda jiddekorri l-imghax. Il-Qorti pero tqis illi l-konkluzjoni tal-perit legali hija wahda korretta fid-dritt, ghaliex in-natura tal-obligazzjoni hija wahda kummercjali u ghalhekk huwa applikabbli l-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili. Il-Qorti ghalhekk tqis illi hija korretta u gusta l-konkluzjoni illi l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' meta s-socjeta rikorrenti saldat id-dejn li ghandha jew kellha mas-socjeta ntimata skont is-sentenza fl-ismijiet inversi bin-numru 907/2004.

**Ikkonsidrat;**

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta’ dawn il-Qrati:

> *“kif pacifikament assodat f’bosta decizjonjiet ilkonkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad flArtikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti*

> *mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha.* ***Gie deciz, izda, illi "dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fiddubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi millkonsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998****). "Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999****; "John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001****);"***

Fid-dawl ta' dak hawn fuq espost, il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta ntimata, tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u tikkundana lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' €28,857.14 (Lm12,120), bl-imghax dekoribbli mid-data meta gie saldat id-dejn dovut lis-socjeta ntimata skont is-sentenza fil-kawza bin-numru 907/2004 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta ntimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**